# Minuti tas-sitta u tmenin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Is-86 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar l-Erbgħa 19 t' Ottubru 2016. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo ppresieda l-laqgħa.

Item 1 - Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Nicholas Azzopardi. Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tal-85 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-*bus stop* ta' Triq l-Għakrux u qal li r-residenti qiegħdin jitolbu li jsir *bus shelter* ġdid f'din it-triq. Iċ-*Chairperson* qal li kien ser jintbgħat lill-uffiċjal inkarigat ta' Transport Malta ritratt tas-sit fejn ser isir dan il-*bus shelter*.

Iċ-*Chairperson* semma l-ħtieġa li jsiru żewġ *road humps* oħra fi Triq San Leonardu u qal li kien ser jagħmel kuntatt mas-Sur Charles Muscat biex jiġu approvati dawn ir-*road humps*.

Iċ-*Chairperson* qal li kien tkellem mal-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u l-Infrasttura, dwar il-ħtieġa li jiġu rranġati Triq iż-Żarżarell u Triq in-Naħla. Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumitat jikteb biex dawn iż-żewġ toroq jiġu rranġati.

Is-Sur Agius ippropona li l-Kumitat Amministrattiv flimkien mal-Klabb tal-Boċċi St Peter jorganizza kompetizzjoni nazzjonali sportiva tal-boċċi. Iċ-*Chairperson* issekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

- Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2016

Fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata miċ-*Chairperson*, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju ta' tliet xhur għall-perjodu Lulju – Settembru 2016.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Iċ-*Chairperson* qal illi kien ġie avviċinat mis-Sur Grech, residenti fid-dar 'Country Cottage' fi Triq l-Għakrux, li kien qiegħed jaċċetta li ssir *road hump* quddiem ir-residenza tiegħu.

Is-Sur Clews qal li fi Triq l-Għakrux ftit 'il fuq miċ-ċimiterju maġenb ix-xatba tal-għalqa għandha ssir waħda mir-*road humps* biex b'hekk jiġi mrażżan is-sewqan eċċessiv f'din il-parti tat-triq.

Is-Sur Bartolo tkellem dwar il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq Dun Salv Sciberras u li jinżebgħu mill-ġdid ir-*road markings* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Iċ-*Chairperson* talab ukoll li jitkompla l-ħajt tas-sejjiegħ li kien sar fi Triq l-Għakrux biex dan jiġi estiż għal parti minn Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Iċ-*Chairperson* qal li kien tkellem mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex l-istemma uffiċjali tal-Kumitat Amministrattiv tiġi ppubblikata uffiċjalment fi żmien qasir.

Fl-aħħarnett is-Sur Bartolo qal li jeħtieġ illi d-dawl fil-*playing field* ta' Triq l-Għakrux jiġi rranġat.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-87 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016.

**IFFIRMATA**

Mario Bartolo
*Chairperson*